**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 332/2018*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**
**(Spettur Chantelle Casha)**

**-vs-**

**Carl Ciantar, iben Carmelo Ciantar u Carmen xebba Vassallo, imwieled Pietà nhar 11 ta' Settembru, 1989, residenti Block D, Bieb A, Flat 4, Triq Pietro Gagliardi, Tarxien, u detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 421789M**

**Illum: 4 ta' Jannar, 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Carl Ciantar** u ċioe talli:[1]

> B'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, u ċioe':-
>
> 1. Talli nhar 25/05/2018 għall-ħabta ta' 02:45Hrs u/ jew xi ħinijiet qabel jew wara minn ġewwa il-ħanut 'Bliss Kiss li jinsab fi triq il-Palma Raħal il-Ġdid u/jew f'dawn il-gżejjer ikkommetta serq ta' flus għad-detriment ta' Sean Zammit minn Ħaż-Żebbuġ u/jew persuni oħra huwa aggravat bil-mezz u il-ħin bi ksur tal-Artikoli 261 (b)(f), 263(a), 270, 278(2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta
>
> 2. U aktar talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, ċioe' ħsara fil-bieb tal-ħanut 'Bliss Kiss' li jinsab fi triq il-Palma Raħal il-Ġdid u/jew f'dawn il-gżejjer liema ħsara

[1] Fol.21-23

tammonta għal mhux aktar minn elfejn u ħames mitt Euro (€ 2500) iżda hija iktar minn mitejn u ħamsin Euro (€250) għad-detriment ta' Sean Zammit minn Ħaż-Żebbuġ u/jew persuni oħra bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

3. u aktar talli bi ħsara tas-sid, għamel vjolazzjoni oħra kontra l-propjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafu ta'qabel ta' dan l-artikolu u lanqas banda oħra f'dan il-kodiċi għad-detriment ta' Sean Zammit minn Ħaż-Żebbuġ u/jew persuni oħra bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

4. U aktar talli fil-lejl ta' bejn 17/05/2018 u it- 18/05/2018 minn ġewwa il-ħanut 'The Collection[2]' li jinsab fi triq Ħaż-Żabbar, il-Fgura u/jew f'dawn il-gżejjer ikkommetta serq ta' flus għad-detriment ta' Maria Mills Muscat mill-Fgura u/jew persuni liema serq huwa aggravat bil-ħin u il-mezz bi ksur tal-Artikoli 261 (b)(f), 263(a), 270, 278(2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

5. U aktar talli Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, ċioe' ħsara fil-bieb tal-ħanut 'The Collection'[3] li jinsab fi triq Ħaż-Żabbar, il-Fgura u/jew f'dawn il-gżejjer liema ħsara tammonta għal mhux aktar minn elfejn u ħames mitt Euro (€ 2500) iżda hija iktar minn mitejn u ħamsin Euro (€250) għad-detriment ta' Maria Mills Muscat mill-Fgura u/jew persuni oħra bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. u aktar talli bi ħsara tas-sid, għamel vjolazzjoni oħra kontra l-propjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafu ta' qabel ta' dan l-artikolu u lanqas band' oħra f'dan il-kodiċi għad-detriment ta' Maria Mills Muscat mill-Fgura u/jew persuni oħra bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. U aktar talli bejn 12/05/2018 u l- 14/05/2018 minn ġewwa il-ħanut 'Step In' li jinsab fi triq Il-Palma, Raħal il-Ġdid u/jew f'dawn il-gżejjer ikkommetta serq ta' ħwejjeġ tat-tfal għad-detriment ta' Dorianne Pisani minn Ħal-Tarxien u/jew persuni oħra liema serq huwa aggravat bil-ħin u il-mezz bi ksur tal-Artikoli 261 (b)(f), 263(a), 270, 278(2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

8. U aktar talli Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, ċioe' ħsara fil-bieb tal-ħanut 'Step In' li jinsab fi triq Il-Palma, Raħal il-Ġdid u/jew f'dawn il-gżejjer liema ħsara tammonta għal mhux aktar minn elfejn u ħames mitt Euro (€ 2500) iżda hija iktar minn mitejn u ħamsin Euro (€250) għad-detriment ta' Dorianne Pisani

[2] *Recte* "My Collection" vide fol.114 u **Dok.AM** a fol.116 et seq

[3] Ibid.

minn Ħal-Tarxien u/jew persuni oħra bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. u aktar talli bi ħsara tas-sid, għamel vjolazzjoni oħra kontra l-propjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafu ta' qabel ta' dan l-artikolu u lanqas banda oħra f'dan il-kodiċi għad-detriment ta' Dorianne Pisani minn Ħal-Tarxien u/jew persuni oħra bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

10. U aktar talli laqgħa għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'serq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod ieħor li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom

11. U aktar talli naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr. A. Bugeja LLD) b'digriet datat 29 ta' April 2016 u li permezz tagħhom huwa ngħata il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, fosthom li jirrinkaża mhux aktar tard mid-21 :00Hrs u ma joħroġx qabel is-06 :00Hrs.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena applikabbli għar-reati msemmija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 29 ta' April 2016 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' Carl Ciantar kif ukoll, li tordna li l-ammonti kolla kemm depożitati u kemm f'Garanzija Personali, li ġiet imposta fuqu sabiex jagħmel tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

12. U aktar talli naqas milli jħares xi waħda, w/jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr. C. Galea LLD) b'digriet datat 29 ta' Ottubru 2017 u li permezz tagħhom huwa ngħata il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena applikabbli għar-reati msemmija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digrieti tal-ħelsien mill-arrest datati 29 ta' Ottubru 2017 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' Carl Ciantar kif ukoll, li tordna li somma ta' elf Euro oħra bħala garanzija personali, li ġiet imposta fuqu sabiex jagħmel tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

13. U aktar talli għamel reat f'perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija nhar 27 ta' Ottubru 2017 mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, Maġistrat Dr. A. Vella LLD li ġiet definittiva u ma tistax tinbidel

14. U b'hekk irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

> Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-liġi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jekk ikun il-każ ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja[4] u li l-imputat m'għandu l-ebda oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.[5]

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat id-deċiżjoni tagħha tat-13 ta' Jannar, 2020 fejn laqgħet it-talba tad-difiża sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga fejn l-imputat ġie riferit quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga;[6]

Rat in-Nota ta' dan il-Bord tat-13 ta' Ġunju, 2022 li permezz tagħha informa l-Qorti li kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-imputat u konsegwentement ikkunsidra l-każ bħala magħluq b'suċċess.[7]

Ikkunsidrat:

L-imputat hu akkużat b'serqiet minn stabbilimenti varji ġewwa Raħal il-Ġdid u Fgura bl-ewwel rapport jasal fl-14 ta' Mejju 2018 minn Dorianne Pisani li mill-ħanut <u>Step In</u> sabet li insterqilha *stock* ta' ħwejjeġ u madwar €250 *cash*. L-**Ispettur Hubert Cini** jispjega li minn investigazzjonijiet instab *finger print* li jappartjeni lill-imputat. Rapport ieħor sar fit-18 ta' Mejju, 2018 minn Maria Muscat li mill-ħanut tagħha, <u>My Collection</u> fil-Fgura, insterqulha €150 flus *cash*. Cini jkompli li l-imputat ġie identifikat bħala l-awtur tas-serqiet peress li investigazzjoni fuq serqa oħra li seħħet fil-25 ta' Mejju, 2018, wasslet biex jinstab l-imputat f'ħanut <u>Bliss Kiss</u> f'Paola, liema ħanut kien ġie żgassat, fejn fuq Ciantar instabu €150 *cash* u xi muniti. L-imputat irriżulta kien liebes l-istess ħwejjeġ li jidher liebes f'filmati li ttieħdu minn *cctv footage* ta' My Collection [*recte:* minn cctv biswit il-ħanut misruq]. Fl-interrogazzjoni tiegħu Ciantar stqarr li hu minnu li jbagħti mill-problema tad-droga iżda ċaħad li kien hu l-awtur tas-serqiet.[8]

---

[4] Fol.14
[5] Fol.15
[6] Fol.286 et seq
[7] Fol.327
[8] Fol.26-27

Serqa mill-Ħanut Bliss Kiss: Imputazzjonijiet numru 1 sa 3

Fil-25 ta' Mejju, 2018, **PS 1257 Conrad Ellul** irċieva telefonata anonima li persuna kienet qegħda tisraq minn ħanut Bliss Kiss. Kif wasal fuq il-post ra li l-pulizija li kien bagħat qablu sabu lill-imputat jistaħba wara l-*cash register;* kien hu li nforma lil Ciantar bl-arrest tiegħu. Fuq il-post instab basket blu b'Nokia iswed, flus kontanti fl-ammont ta' €105, **tornavit kbir, *nose gripper* tad-ditta Powerfix, furmatur, bott *expanding foam*** u *t-shirt* aħdar flimkien ma xi muniti. Sid il-ħanut rrapporta mal-pulizija li bħala flus fil-*cash register* – li dak il-ħin dehret miftuħa w *"litteralment vojta"*- kellu xi €105 u muniti.[9] Dwar din is-serqa sar rapport ukoll li ġie esibit.[10] **PS396 Sergio Farrugia** ikkonferma kif sab l-imputat jistaħba taħt il-*cash register* fil-ħanut Bliss Kiss u l-oġġetti li nstabu fil-basket *"dhalt gil-hanut u ġie ma wiċċi"*.[11]

L-**Ispettur Chantelle Casha** spjegat ġiet infurmata bi żgass ta' ħanut fejn il-malvivent inqabad ġewwa w rriżulta li kien l-imputat Ciantar. Casha esibiet l-basket li kien ħalla warajh Ciantar kontenenti *set* ingwanti, tlett biċċiet għodda, *spray* tal-*foam,* flok blu w mobile[12]. Fih kien hemm ukoll **ċavetta tad-dar li rriżultat ta-residenza tal-imputat kif ukoll ċavetta tal-karozza, liema karozza kienet tappartieni lill-omm Ciantar. Il-mobile irriżulta li kien reġistrat fuq l-imputat.[13]** L-ispettur kompliet tispjega kif *cctv footage* meħud minn ħanut fil-Fgura, li jirrizulta aktar il-quddiem hu dak ta Terranova, juri l-imputat liebes l-istess ħwejjeġ li kien liebes meta ġie arrestat fi Bliss Kiss. Fi *stills* meħuda minn dan il-filmat,[14] tidher persuna ta' statura identika għal dik tal-imputat fiż-żmien meta tressaq quddiem il-Qorti, biex ma jingħad xejn dwar fattizzi ferm simili għal dawk ta' Ciantar.[15]

**Sean Zammit,** sid Bliss Kiss, jiddeskrivi kif wara li fis-sigħat bikrin ta' filgħodu l-pulizija għarfuh li l-ħanut tiegħu ġie żgassat, hu mar fuq il-post u sab il-ħġieġ mkisser u l-affarijiet mqalbin. Il-malvivent ma kien laħaq seraq xejn għalkemm fil-basket tiegħu, li ħallieh warajh, **instabu xi €105-€110 li kienu fil-*cash register* li kienet tbattlet**. Fl-istess basket kien hemm bħal lieva/ċana, tornavit tal-għamara u *expanding foam,* oġġetti li bħal basket ma jappartjenux lill-ħanut ta' Zammit. Hu kien niżżel il-*footage* li ġie mgħoddi lill-pulizija fejn fil-filmat il-pulizija jidhru jżommu lil Ciantar u kif raw wiċċu wara li neħħa l-*hoodie*[16], deher

---

[9] Fol.90
[10] **Dok.CE1** a fol.95 et seq
[11] Fol.98-99
[12] **KA123/2018** a fol.56
[13] Fol.54
[14] **Dok. CC** a fol. 204
[15] Fol.55
[16] Vide xiehda ta PS396 Sergio Farrugia a fol.98

li kien l-imputat. Zammit jispiċċa billi jaħfer lil Ciantar u jgħid li ħsara kienet ta' xi €50.[17]

Il-*pendrive* bil-*footage* msemmi ġiet esibita mix-xhud.[18] Konsegwentement fuq inkarigu tal-Qorti **Jonathan Mizzi** niżżel *stills* minn fuqha fejn jidher persuna tistaħba wara l-*cash register; cash register* li ftit qabel kien fetaħ u qala l-kexxun tagħha fejn **jidher ibattalha** qabel ma poġġa l-kexxun lura f'postu.[19]

Fuq dawn ir-riżultanzi ma jistax jifdal dubbju dwar l-iskop li għalih kien jinsab fil-ħanut l-imputat. Dak li jmiss jiġi determinat hu jekk bl-għemil tiegħu, Ciantar għandux jinstab ħati tar-reat ta' serq ikkonsmat jew biss tat-tentattiv tiegħu.

Każ simili hu dak fejn l-imputat, f'dawk il-proċeduri, kien seraq oġġetti minn ġewwa *supermarket* w kien irnexxielu jaqbeż il-*cash points* kollha, tant li ġie mwaqqaf u miżmum fuq rampa li tagħti għal *car park* qabel ma wieħed joħroġ mill-istabbiliment. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Moumen Troure** kellha s-segwenti osservazzjonijiet x'tagħmel:[20]

> Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv ta' reat fl-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi illi:
>
> "Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati …. jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi."
>
> Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':
>
> 1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
>
> 2. Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.
>
> 3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.
>
> Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta'l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi irid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubbju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

---

[17] Fol.28-31
[18] **Dok.SZ** a fol.32
[19] Rapport **Dok.JM** a fol.35 et seq.
[20] Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima, Deċiża 27 ta' Ottubru, 2016; Appell Nru: 513/2015

Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:

"*To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation.*"

Issa mill-ezami ta'l-atti jirrizultaw is-segwenti fatti inkontestati:

1. L-appellanti ha l-oggetti minn fuq l-ixkafef ta'l-istabbiliment u qieghdhom f'basket.

2. Qabez il-*cash point* u allura il-post fejn kellu isir il-hlas sabiex issir it-trasferiment tal-proprjeta.

3. beda hiereg 'il barra mill-isfera tal-kontroll tas-sid u cioe' l-istabbiliment proprjeta tieghu meta hemmhekk huwa gie sfrattat fl-intenzjoni kriminuza tieghu mill-kaxxiera u l-ufficjal tas-sigurta sabiex b'hekk l-oggetti qatt ma harrgu mill-isfera tal-kontroll tas-sid.

Illi din il-Qorti ma tistax taqbel f'dan ir-rigward mal-fehma milhuqa mill-ewwel Qorti illi gjaldarba l-appellanti kien qabez il-*cash points*, allura huwa hati tar-reat ikkunsmat. Illi t-tejorija esposta mill-ewwel Qorti dwar il-mument li fih isehh il-*contrecatio* hija essenzjali sabiex jigi stabbilit ir-reat tas-serq u mhux jekk il-malvivent irnexxielux fl-intenzjoni kriminuza tieghu. Ma hemmx dubbju illi l-element tal-*contrectatio* jirrizulta ippruvat billi l-appellanti effettivament ha l-oggetti minn fuq l-ixkafef bl-intenzjoni illi huwa ma ihallasx ghalihom u mhux b'xi intenzjoni ohra bhal per ezempju sabiex jezercita xi jedd li kien qed jippretendi li ghandu. Dan l-element gie ippruvat fil-mument illi huwa qabez il-*cash points* u beda hiereg 'il barra mill-istabbiliment, izda huwa ma irnexxileux f'din l-intenzjoni kriminuza tieghu u dan minhabba xi haga indipendenti mill-volonta tieghu meta gie mizmum milli johrog mis-*supermarket* bl-oggetti misruqa minnu. Illi allura ma hemmx dubbju illi l-appellanti mhux biss ghamel dawk l-atti kollha sabiex jipprepara ruhu biex jikkometti ir-reat izda ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt meta intenta jallontana ruhu mill-post tar-reat, izda gie sfrattat minn dina l-intenzjoni mill-kaxxiera li waqqfitu qabel ma hareg mill-isfera ta' kontroll tas-sid B'hekk l-appellanti ma kellux success fl-intenzjoni kriminuza tieghu ghaliex gie sfrattat mill-ezekuzzjoni tad-delitt minn xi haga indipendenti mill-volonta tieghu. Kwindi l-appellanti hawnhekk ghandu ragun billi ghar-rigward ta'l-akkuza marbuta mas-serqa tas-07 ta' Gunju 2015, kellha tinstab reita' ghat-tentattiv tar-reat tas-serq u mhux ghar-reat ikkunsmat.

Għaldaqstant hawnhekk ġie pruvat it-tentattiv ta' serq ġaladarba l-pjan ta' Ciantar, u cioe s-serqa minnu pjanata, ġiet sfrattata mill-Pulizija. Tali tentattiv hu ta' serq aggravat bil-mezz u bil-ħin.

MY COLLECTION: Imputazzjonijiet numru 4 sa 6

**Maria Mills Muscat,** *salesgirl*,[21] xehdet kif qabel ma laħqet fetħet il-ħanut *My Collection,* indunat li l-ħanut kien ġie żgassat.[22] **PS175 Antonello Magri** ha r-rapport relattiv fejn Muscat kienet irraportat li nsterqu madwar **€150 fi flus**

[21] Fol.118

[22] Fol.79

kontanti kif deskritt fil-**Current Incident Report**.[23] Ix-xhud tikkonferma mas-surġent li kienet hi li wieġbet għad-domandi li sarulha meta l-pulizija wasslet fuq il-post. L-istess rapport jindika kif mal-ħanut biswit, Terranova, kien hemm *cctv cameras* li setgħu ikunu ta' għajnuna għall-investigazzjoni.

Fil-fatt **Edwin Pisani,** mid-Dizz Group, li jopera ċ-*chain* ta' ħwienet ta Terranova, ikkonferma li kien għadda *stills* lill-pulizija wara li intalbu mill-istess pulizija biex jagħmlu *download* tas-*cctv footage* tagħhom.[24] Dawn l-*stills*[25] huma esibiti w fihom tidher persuna tard bil-lejl tas-17 ta' Mejju, 2018 titbaxxa w tagħmel movimenti ma bieb meta f'idu qed iżomm oġġett twil. L-ilbies hu *hoodie* ħamranija/fil-vjola.

Il-Qorti tara li din il-persuna għandha statura identika għall-dik tal-imputat kif kien jidher meta tressaq quddiemha fil-bidu ta' dan il-proċediment fejn il-wiċċ għandu mill-fattizzi tal-imputat ukoll. Meta l-Qorti eżaminat il-ħwejjeġ li deher bihom fil-*footage* meħud minn Bliss Kiss meta ġie arrestat fuq il-post Ciantar u li ġew esibiti in atti, sabet li l-***hoodie* esibita hi identika f'għamla w kulur għall-*hoodie* li jidher liebes hu w jipprova jisgassa l-ħanut My Collection**.

Għaldaqstant hawnhekk ġie pruvat is-serq bl-aggravvju tal-ħin u tal-mezz.

Step In: Imputazzjonijiet numru 7 sa 9

**Dorianne Pisani** tixhed li meta marret biex tidhol fil-ħanut *Step In*[26] – li kif jixhed ir-rapport ta PS386 ir-ritratt juri l-isem Bliss Kiss u l-ebda isem ieħor[27] - sabet is-serratura imkissra w li l-ħanut safa' żgassat.[28]

Il-Qorti ma tistax tifhem għaliex ir-ritratti fir-rapport tas-*scene of crime officer* juru ħanut bl-isem bħala Bliss Kiss, meta ir-rapport li sar fl-14 ta' Mejju, 2018 kif ukoll is-sid jirreferu għall-istess ħanut bħala Step In; sakemm mhux għaliex mal-bieb hemm tabella tal-kartonċina b'kitba "Step In Warehouse". Tajjeb jingħad li Bliss Kiss hu propju l-ħanut minn fejn ġie arrestat l-imputat fil-25 ta' Mejju, 2018 meta nqabad jisraq *in falgrante delicto,* serqa li kien hemm it-tentattiv tagħha għaxart ijiem wara.

---

[23] **Dok.AM** a fol.116 et seq
[24] Esebit bħala *stills* fir-rapport ta' Jonathan Mizzi, **Dok.JM** a fol.35 et seq
[25] **Dok.CC** a fol.204.
[26] Fol.86
[27] Vide fol.64-65
[28] Fol.86

L-ispettur Casha issemmi kif wara s-serqa minn ħanut Step In, f'Palm Street, Paola, instabu tlett *lifters*[29]. Dawn il-*lifters* flimkien mar-ritratti meħuda mis-*scene of crime officer* **PS385 Emanuel Dalli** fl-14 ta' Mejju, 2018[30]ġew preżentati fl-atti.[31] Wara li reġa' nstema Joseph Mallia[32] li kien inkarigat jagħmel eżami komparattiv bejn l-impronti li nstabu fuq ix-xena tas-serqa minn Bliss Kiss/Step In, li seħħet bejn it-12 u l-14 ta' Mejju, 2018, irriżulta li l-impronti misjuba fuq ix-xena ma kellhomx l-14 il-punt karatteristiku biex seta' jingħad li qabblu pożittivament ma dawk ta' Ciantar.

Dan ma jnaqqas xejn mill-investigazzjoni w riżultanzi f'waqthom u professjonali li ikkaratterizzaw ix-xogħol tal-Pulizija fuq dawn is-serqiet varji; investigazzjonijiet fosthom l-analiżi komparattiva minnhom magħmulha ai fini ta' indaġni ma dawk tal-imputat li kif intqal iżda ma tissodisfax ir-rekwiżiti legali biex jista' jingħad b'ċertezza legalment aċċettabbli li dik l-impronta kienet tappartjeni lill-imputat.

**PS1257 Conrad Ellul** ikkonferma il-**Current Incident Report**[33] li sar minn Pisani nhar l-14 ta' Mejju, 2018 fejn Pisani stqarret mal-uffiċjal li nsterqulha madwar €250 fi ħwejjeġ. *Cctv* ma kienx hemm.[34]

Madanakollu jibqa' l-fatt li meta Pisani tixhed la tikkonferma l-ammont tar-*res furtiva* u wisq anqas li għamlet xi rapport, biex b'hekk il-Qorti setgħet ikollha quddiemha prova li ma kienitx biss *hearsay* tenut kont tal-fatt li hi l-uniċi dettalji huma dawk li jissemmew fl-imsemmi rapport u mhux mix-xhud *viva voce*. Mhux talli hekk, iżda filwaqt li mal-pulizija iddikjarat li nsterqulha mal-€250 fi ħwejjeġ, meta tixhed *viva voce* tgħid li peress li kien hemm *warehouse sale* ma setgħetx tindika l-valur tal-ħwejjeġ li setgħu insterqu. Tindika biss li l-ħsara ammontat għal madwar €50.[35]

Għaldaqstant mill-provi prodotti ma jistax jingħad li l-imputazzjonijiet numru 7 sa 9 addebitati lil Ciantar ġew ppruvati sal-grad rikjest u b'hekk qed jiġi liberat minnhom.

---

[29] Fol.63
[30] Fol.60
[31] Fol.57. Rapport **Dok.ED** a fol.59 et seq.
[32] Fol.172-175
[33] **Dok.CE** a fol.92 et seq
[34] Fol.89
[35] Fol.87

L-Għaxar Imputazzjoni

Dwar l-imputazzjoni numru għaxra hu ċar li din ingħatat bħala imputazzjoni alternattiva għall-imputazzjonijiet ta' serq. Għaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

L-imputazzjoni Numru 11

Dwar l-imputazzjoni numru ħdax (11) fejn l-akkużat hu imputat li kiser kundizzjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati b'digriet tal-Maġistrat Dr. Aaron Bugeja tad-29 t'April, 2016, ġie osservat li minn dokumentazzjoni preżentata minn Stefania Calafato Testa, l-unika proċedura quddiem dik il-qorti kif preseduta ġiet deċiża fit-3 ta' Ġunju 2016, kważi sentejn qabel ma seħħew ir-reati li jinsab imputat bihom Ciantar.

Irid jingħad ukoll għal kull buon fini, li baqa' ma ġie preżentat l-ebda digriet dwar ħelsien mill-arrest mogħti mill-Onor. Maġistrat Dr. A. Bugeja w għalhekk qatt ma tista' tinstab ħtija fuq din l-imputazzjoni.

F'sentenza tal-Onor. Maġistrat Dr. Aaron Bugeja, esibita ai fini tar-reċidiva, jirrizulta li l-imputat kien addebitat b' reati kontra l-persuna, ksur ta'probation u reċidiva plurima. F'din is-sentenza Ciantar ġie kundannat *inter alia* għall-sentejn priġunerija,[36] filwaqt li ġie revokat il-ħelsien mill-arrest mogħti lill-imputat mill-Maġistrat Micallef Trigona fid-19 ta' Frar 2014.[37] Għalhekk ma tistax terġa tintalab ir-revoka ta' ħelsien mill-arrest u l-konfiska tal-ħamest elef Ewro ġaladarba dawn kienu diġà ġew konfiskati skond is-sentenza esibita.

It-Tnax l-Imputazzjoni

L-Ispettur Cini esibixxa wkoll kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest mogħtija lill-imputat mill-Maġistrat Dr. Charmaine Galea fid-29 t'Ottubru 2017, liema digrieti fihom il-konnotati tal-imputat u fejn l-uffiċjal prosekutur hu l-istess prosekutur Cini.[38]

M'hemmx dubbju li l-imputat wettaq reat bi ksur ta' dak id-digriet iżda kif xehdet l-Assistent Reġistratur Calafato Testa ma hemm l-ebda kawża pendenti fil-konfront tal-imputat għajr għal din il-kumpilazzjoni. Għaldaqstant il-Qorti hi prekluża milli tordna r-revoka tal-ħelsien mill-arrest jew il-konfiska tal-multa

[36] **Dok.HCZ4** a fol.140 et seq
[37] Fol.164
[38] **Dok.HC** a fol.185

għalkemm qed issib ksur tal-kundizzjonijiet dwar ħelsien mill-arrest kif ravviżat bl-imputazzjoni numru tnax.

It-Tlettax l-Imputazzjoni

Rigward din l-imputazzjoni l-prosekuzzjoni ma ġabet l-ebda prova.

L-addebitu tar-Reċidiva

L-Ispettur Cini esibixxa ħames (5) sentenzi[39] mogħtija fil-konfront ta′ Ciantar liema sentenzi fihom il-konnotati tal-imputat. Dawn is-sentenzi juru kif l-imputat ingħata pieni ta′ ħabs fuq reati varji inkluż serq, ksur ta′ digrieti fuq ħelsien mill-arrest u reċidiva;[40]pussess ta′ eroina u ta′ oġġetti relatati ma serq[41] fejn l-imputat ingħata ordni ta′ probation; reati ta′ offiżi fuq il-persuni w *harassment* fejn ukoll ingħata piena ta′ priġunerija wara li l-Qorti ikkunsidrat li l-imputat kien reċidiv u saħansitra kien rema l-opportunita mogħtija lilu meta preċedentement ingħata ordni ta′ probation;[42] u reati kontra l-persuna, ksur ta′probation u reċidivita plurima fejn b′konsegwenza Ciantar ġie kundannat *inter alia* għall-sentejn priġunerija.[43]

Għaldaqstant ġie pruvat li l-imputat hu **reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289** tal-Kodiċi kriminali.

Dwar l-imputazzjonijiet numru tlieta, sitta w disa′ il-Qorti ma setgħetx ma tosservax il-lokuzzjoni ibrida wżata mill-prosekuzzjoni fejn hu ċar li r-reat kontemplat hu dak kontravvenzjonali ai termini tal-Artikolu 340(d) tal-Kodiċi Kriminali u fejn l-artikolu 325 tal-Kodiċi ma għandu l-ebda rilevanza tant li hi l-istess dispożizzjoni tal-Artikolu 340(d) li teskludih:

> Huwa ħati ta’ kontravvenzjoni kontra l-proprjetà, kull min -.....
>
> (*d*) bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, jagħmel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta’ ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta’ qabel ta’ dan l-artikolu, u lanqas band’oħra f’dan il-Kodiċi.

[39] **Dok.HCZ-HCZ4** a fol.122 et seq.
[40] **Dok.HCZ1** a fol.124 et seq
[41] **Dok.HCZ2** a fol.129 et seq
[42] **Dok.HCZ3** a fol.134 et seq
[43] **Dok.HCZ4** a fol.140 et seq

**Il-Piena**

Il-Qorti ikkunsidrat in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali tal-imputat, tal-konklużjoni tal-Bord stabbilit skont l-artikolu 6 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u taċ-ċirkostanzi tal-każ. Hawn irid jingħad li fil-konklużjoni tiegħu, il-Bord **la jsemmi** li l-persuna akkużata minkejja li kienet sofriet minn dipendenza fuq id-droga <u>ħelset mid-dipendenza fuq id-droga</u>, u lanqas li <u>sostanzjalment irnexxielha teħles lilha nnifisha mid-dipendenza</u> fuq id-droga kif kontemplat bl-artikolu 8(5) tal-imsemmi Kapitolu.

Il-Qorti mhix konvinta mill-konklużjoni tal-Bord u cioe li Ciantar tassew irriabilita ruħu mqar parzjalment sabiex jeħles lilu nnifsu mid-dipendenza fuq id-droga u dan, propju mill-mod kif **mill-ewwel mumenti** beda jġib ruħu l-imputat hekk kif inħeles mill-inkarċerazzjoni in konnessjoni ma proċeduri separati għal dawn in deżamina. Fil-fatt l-imputat jew ma kienx jidher għas-seduti fejn joħloq skużi għan-nuqqas tiegħu, skużi li baqgħu qatt ma ġew sostanzjati, jew jiġi l-Qorti f'ħinijiet li jidhirlu hu wara li l-kawża tiegħu tkun ilha li għadda ħinha. Din mhi xejn għajr turija ċara li **għadu ma fehemx il-gravità tal-għemil tiegħu w daqstant ieħor jinħtieġ li jipprosegwi bir-riabilitazzjoni tiegħu f'ambjent kontrollat** biex il-progress li għamel tul l-inkarċerazzjoni preċedenti ma tisfumax fix-xejn. Ciantar qed juri b'mod mill-aktar elokwenti li **ma tgħallem xejn mill-opportunita lilu mogħtija w lanqas ma tbeżbeż miċ-ċaħda tal-libertà tiegħu!**

Lanqas ma jista' jintesa l-fatt li l-imputat hu reċidiv ai termini tal-artikoli 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Inoltre dwar il-piena ttieħed kont li l-imputazzjoni numru tnejn (2) serviet ta' mezz ai fini għall-ewwel (1) imputazzjoni filwaqt li l-imputazzjoni numru tlieta (3) hi kompriża w involuta fl-ewwel (1) imputazzjoni. L-imputazzjoni ħamsa (5) serviet ta' mezz ai fini għall-imputazzjoni numru erba' (4) filwaqt li l-imputazzjoni numru sitta (6) hi kompriża w involuta fir-raba (4) imputazzjoni.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-għaxar imputazzjoni, u tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet numru seba' (7), tmienja (8), disa' (9), ħdax (11) u tlettax (13), wara li rat l-artikoli 17, 20, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(f), 263, 264, 265, 270, 278(2), 289, 325(1)(d) u 579 tal-Kodiċi Kriminali, issibu ħati tal-kumplament, u tikkundannah għal-piena ta' **sentejn (2) priġunerija**.

Finalment bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, qegħda tordna lill-imputat iħallas l-ammont ta' **€1,214.63** rappreżentanti spejjez peritali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**MAĠISTRAT**